

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.7732 — JBS/Moy Park)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2015/C 290/08)

1. Fis-27 ta' Awwissu 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża JBS S.A. ("JBS", il-Brażil) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku tal-impriża Moy Park Holdings (Europe) Limited kollha kemm hi ("Moy Park", ir-Renju Unit) permezz ta' xiri tal-ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal JBS: fornitur dinji ta' laħam frisk u proċessat, partikolarment taċ-ċanga iżda wkoll laħam tal-majjal u tat-tjur,
- għal Moy Park: il-forniment tat-tjur friski u pproċessati primarjament fir-Renju Unit u l-Irlanda.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup>, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7732 — JBS/Moy Park, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.